SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 04-12

Illum il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-3.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Terrance Ellul, Joseph Bonello u Victor Camilleri.

## ASSENTI

Il-Kunsilliera Caroline Galea avżat lil Kunsill li kienet indisposta. Fil-messaġġ tagħha hija tat l-awguri tagħha lil Viċi Sindku u lil Kunsillier il-ġdid.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Is-Sindku talab għal minuta silenzju b'rispett lejn s-Sur Joe Balzan li kien jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku sal-ġurnata tal-mewt tiegħu li seħħet il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2012.

Il-Kunsill għadda biex ta merħba lil Kunsillier il-ġdid is-Sur Victor Camilleri li ġie elett *f'By-Election* li saret fl-4 ta' Lulju 2012.

## 1. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU

Is-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar, staqsa lil Kunsillier Terrence Ellul, skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, jekk kienx ser jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku biex jimla l-post vakat bil-mewt tas-Sur Joe Balzan. Is-Sur Terrence Ellul aċċetta din il-kariga u ingħata l-ġurament mill-Kummissarju tal-Ġustizzja li kienet presenti għall-okkażjoni.

## 2. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 03-12 li saret nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012 ġew moqrija u approvati.

### 2.1 *Mill-Minuti*

2.1.1 Is-Sindku rrefera għal minuta 9.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li bħalissa għaddej ir-*road marking* fi Triq Inez Soler.

## 3. KORRISPONDENZA

### 3.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012 u l-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 3.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 3.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 601/12/O – Awtorita' tad-Djar – Amministratturi tal-Komun
- 625/12/O – Kummissarju ta' l-Artijiet – Proġett taċ-Ċentru Ċiviku
- 641/12/O – Transport Malta – Santa Luċija *Terminus*
- 642/12/O – Uffiċċjal Awtorizzat Reġjun Nofsinhar – CCTV *camera*
- 733/12/O – Prim Ministru – Ko-finanzjament
- 744/12/O – Marco Boria – *networking of twinned towns*

**3.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 380/12/I – ETC – Skema Xogħol fil-Komunita'
- 646/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Triq Inez Soler
- 650/12/I – Uffiċċjal Awtorizzat - kontravenzjoni
- 651/12/I – Schembri Vincent – Trejqet Garnaw
- 652/12/I - Awtorita' tad-Djar – Arretrati tal-kera
- 653/12/I – Lara Vassallo – *Cupcake decorations for kids*
- 679/12/I – Mepa Chairman – Laqgħa mal-Kunsill
- 680/12/I – Kumitat tar-Reġjuni ta' l-Unjoni Ewropea – 7 Djalogu Territorjali
- 695/12/I – Girls Junior Lyceum – *Youth European Conference*
- 716/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 12/2012 – Korsijiet ta' *Lifelong Learning*
- 776/12/I – Reġjun Nofsinhar – Eco Wardens

**3.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- Onor. Tonio Fenech – Rendikont tar-Raba' Sena ta' Ħidma tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
- SLLC *Memo* 11/2012 – TCTC *computer courses*
- SLLC *Memo* 12/2012 – Kappillan ġdid
- SLLC *Memo* 13/2012 – *Road Patching Works,* Kuntratt *Street Lighting,* Sejħa għal-servizz ta' Accountant
- SLLC *Memo* 14/2012 – Kwotazzjoni SLLC Q (57/11/07) - Pagament għal xogħol ta' kisi fil-latrina pubblika
- SLLC *Memo* 15/2012 - Kuntratt (HB) 57/11/04 - Pagament għal xogħol ta' manutenzjoni tal-*Housing Blocks* tal-Gvern, Kwotazzjoni : *Cost Benefit Analysis*

## 4. PUNTI MQAJMA

4.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 380/12/I il-Kunsill iddiskuta l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-iskema Xogħol fil-Komunita'. Is-Sindku qal li din l-iskema ġiet imġedda sa Ottubru 2012. Huwa ppropona li l-Kunsill jara kif ser imur b'dawn il-ħaddiema sa dak inhar u wara jiddeċiedi jekk ikomplix jieħu sehem f'din l-iskema.

4.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 646/12/I is-Sindku qal li l-Kunsill kien staqsa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk setgħax joħroġ il-pagament dovut għal din is-sena fuq ix-xogħol li sar fi Triq Inez Soler peress li ż-żewġ toroq l-oħra għadhom mhux lesti. Is-Sindku qal li d-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Huwa ppropona li kif il-periti tal-Kunsill jiċċertifikaw ix-xogħol il-Kunsill għandu joħroġ dan il-pagament peress li ilu pendenti.

4.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 650/12/I is-Sindku qal li kien kiteb lil Uffiċċjal Awtorizzat dwar oġġezzjoni minn resident dwar kontravenzjoni li ngħatat. Huwa qal li l-tweġiba ta' l-Uffiċċjal Awtorizzat kienet li l-ħlas tal-kontravenzjoni jitqies bħala ammissjoni ta' l-akkuża.

4.4 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 651/12/I is-Sindku qara ittra dwar talba biex jiġi rranġat il-passaġġ ta' fejn il-ġibjun f'Wied Garnaw u titnaddaf u tiġi rrangata din l-*area*. Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' tindif.

4.5 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 652/12/I il-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' l-Awtorita' tad-Djar biex il-pagament li jħallas il-Kunsill f'arretrati ta' kera jitla' minn €582.34 għal €1000 fis-sena.

4.6 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 653/12/I għanda tinġieb aktar informazzjoni dwar kemm hu l-ħlas biex isiru korsijiet ta' "*Cupcake decorations*" għat-tfal u adulti.

4.7 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 679/12/I il-Kunsill laqa' l-istedina biex jiltaqa' maċ-Chairman tal-Mepa ħalli jiddiskuti l-isfidi u l-problemi fil-lokalita' ta' Santa Luċija relatati ma'l-ambjent u l-ippjanar. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jlesti aġenda ħalli jkun ippreparat tajjeb għal din il-laqgħa.

4.8 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 680/12/I is-Sindku qal li kien preżenti għal laqgħa mportanti tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea dwar Djalogu Territorjali li kien jittratta l-implimentazzjoni ta' miżuri urġenti meħtieġa biex jissaħħaħ l-impjieg u jitnaqqas il-qagħd.

4.9 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 695/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill bil-parteċipazzoni ta' studenti mis-St Thomas More College Girls Secondary fil-konferenza *Youth European Conference - Diffussion and Continuity*. Huwa qal li

din il-parteċipazzjoni kienet ta' suċċess u kien ta sodisfazzjon għalih li ta din l-opportunita' lil dawn l-istudenti.

4.10 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 716/12/I il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jidħol aktar fid-dettal dwar korsijiet ta' *Lifelong Learning*.

4.11 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 776/12/I il-Kunsill qabel li jsir eżerċizzju biex il-Kunsill jara fejn hemm bżonn ta' ECO wardens u jkun jista' jissottometti t-talbiet tiegħu.

## 5. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 5.1 *Talba għal ko-finanzjament fuq il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li kien kiteb ittra lil Prim Ministru dwar il-ko-finanzjament tal-proġett taċ-Ċentru tal-Komunita'. Huwa qal li l-proġetti taħt l-ERDF ikunu ffinanzjati sa 85% mill-Unjoni Ewropea u l-15% jrid jara minn fejn ser iġibhom il-Kunsill. Huwa qal li l-istima ta' dan il-proġett telgħat għal madwar €2,000,000 u għal daqstant il-Kunsill għandu bżonn madwar €300,000.

Is-Sindku qal ukoll li kienet intbagħtet ittra lil Kummissarju ta' l-Artijiet dwar talba għas-servitu fuq il-ġnub taċ-Ċentru Ċiviku biex dawn ikunu jistgħu jsiru *b' photovoltaic cells*. Huwa qal li jidher li din it-talba ser tiġi milqugħa.

### 5.2 *CCTV Camera f'Xintill Roundabout*

Is-Sindku ppropona biex jingħata permess biex titneħħa s-CCTV minn madwar Xintill *Roundabout* peress li din mhux qed tkun vijabbli. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 5.3 *Proċedura ġdida fil-manutenzjoni tal-komun tal-Binjiet tal-Gvern*

Is-Sindku ppreżenta l-lista finali ta' binjiet tal-Gvern li ġew inklużi fl-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar għas-sena 2012 u li ġew aċċettati mill-Awtorita' tad-Djar. Huwa qal li din is-sena ser ikun hemm tibdil fil-proċedura ta' kif ser taħdem din l-iskema. Huwa kompla jgħid li minflok li l-Kunsill joħroġ *tender* biex jinstab kuntrattur, din id-darba ser ikunu r-residenti stess li jqabdu kuntrattur wara li jkunu ġabru kwotazzjonijiet li jiġu japprovati mill-Awtorita' tad-Djar.

### 5.4 *Parteċipazzjoni fil-proġett Networking of Twinned Towns*

Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa fi proġett ta' *networking* ta' *twinned towns* fejn ser jitressqu proposti u jsir studju dwar l-immaniġjar aħjar ta' l-ilma.

### 5.5 *Attivita' b'risq Puttinu Cares*

B'referenza għall-mewt tas-Sur Balzan, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustazi l-kunċert mużikali li kellu jittella' fis-6 ta' Lulju 2012 b'risq Puttinu Cares jiġi pospost għal data oħra li titħabbar aktar 'il quddiem.

### 5.6 *Photovoltaic Cells – Skema dwar proġetti ta' Enerġija Alternattiva*

Is-Sindku rrefera għall-iskema dwar proġetti ta' enerġija alternattiva fejn il-Kunsill ser jingħata €1600 f'fondi biex jinstalla *photovoltaic cells* fuq il-latrina pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li dawn iridu jsiru sa l-aħħar tas-sena 2012 inkella l-Kunsill jitlef il-fondi. Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għax-xiri u installazzjoni ta' dawn il-pannelli fotovolajiċi.

### 5.7 *Kwotazzjoni Q(57/12/02) Servizz ta' Accountant*

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet għalqet nhar it-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012. Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva offerta waħda dik ta' D-consulta li offrew li jgħatu s-servizz skond kif speċifikat fid-dokument ta' kwotazzjoni għal din is-sejħa, għas-somma ta' €125 (Vat inkluż). Il-Kunsill qabel li din l-offerta hija waħda raġonevoli u approva din il-kwotazzjoni.

### 5.8 **Kwotazzjoni Q(57/12/03) – Xiri u installazjoni ta' *outdoor litter bins***

Il-Kunsill innota l-ammont ta' kwotazzjonijiet li rċieva għal din is-sejħa. Billi kien hemm diversi speċi ta' *litter bins* bi prezzijiet differenti, il-Kunsill qabel li jikkunsidra u jagħżel skond il-bżonn u skond il-post partikolarti li fih ikunu ser jitwaħħlu dawn il-*litter bins*.

## 6. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 6.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4070 sa numru BOV4114 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu 16/05/2012 sa 12/06/2012.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 03-12.

### 6.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Mejju 2012 | Ammont *Gross* | €5070.71 |
| Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2012 | Ammont Gross | €5474.55 |

### 6.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Euro** |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting Ltd. | Str.Light. | 2010298 | 1125.19 |
| Savior Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv.Frar 12 | 437.87 |
| Savior Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv.Marzu 12 | 437.87 |
| Savior Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv.April 12 | 437.87 |
| Savior Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv.Mejju 12 | 437.87 |
| Ronald Bezzina | RC (57/10/01) | Serv.Mejju 12 | 2864.25 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX *land line* Mejju 12 | 95.85 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Mejju 12 | 2061.50 |

## 7. SKEMA 'ADDOTTA NANNU'

Is-Sindku qal li kien jaqbel mal-proposta tal-Kunsilliera Caroline Galea biex tiġi ntrodotta l-iskema 'Addotta Nannu'. Huwa qal li din l-inizjattiva tinsab fil-programm elettorali tal-Kunsillieri tal-Partit Laburista. Huwa qal li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss anki peress li s-Sinjura Galea tinsab indisposta.

## 8. ĠIEĦ SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta erba' nominazzjonijiet li rċieva għall-premju 'Ġieħ Santa Luċija 2012' li minnhom intghazlu tnejn. L-ewwel nomina kienet dik ta' Dr Paul Galea li ġiet unanimament approvata mill-Kunsill. It-tieni nomina li ġiet ukoll approvata mill-Kunsill kienet għall-Joy Gospel Singers li kellha tingħata b'sorpriża waqt quddiesa kommemorattiva fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija li fiha kienu ħa jipparteċipaw il-Joy Gospel Singers. Dr Paul Galea wkoll kien ser jiġi onorat b'Ġieħ Santa Luċija fl-istess okkażjoni. It-tielet nomina kienet għall-eks Viċi Sindku is-Sur Balzan li miet ftit ġranet qabel; il-Kunsill qabel li kien kmieni wisq biex jingħata dan il-Ġieħ l-aktar meta l-familja għada f'luttu, il-Kunsill qabel li jħalli ftit taż-żmien ieħor u li dan l-unur għandu jingħata waqt serata letterarja li għandha titella' għall-okkażjoni. Ir-raba' nomina dik ta' Rita u Andrew Bonett ukoll ser tinżamm bħala referenza għal okkażjoni oħra fil-futur.

## 9. PJAN TA' ĦIDMA 2012-2015

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsill li l-Pjan ta' Ħidma 2011-2014 kien ġie rivedut lejn l-aħħar tas-sena 2011 minħabba li l-iskema tal-PPP kienet ser taffettwa l-finanzi tal-Kunsill b'mod konsiderevoli. Għaldaqstant irrakkomandat li l-Kunsill ikompli jimxi fuq dan il-Pjan u jsir Pjan ta' Ħidma ġdid fi żmien sena mill-ħatra ta' dan il-Kunsill il-ġdid skond kif tgħid il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

## 10. XOGĦOLIJIET

### 10.1 *Sejħa għall-Offerti*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienu ser joħorġu dawn is-sejħiet għall-offerti relatati ma' diversi xogħolijiet. Huwa qal li dawn is-sejħiet ser jgħalqu f'nofsinhar tat-18 ta' Lulju 2012.

- Kuntratt (RM/PF) 57/12/02 *Road Maintenance Works*
- Kwotazzjoni Q(57/12/03) Stampar tan-*Newsletter* tal-Kunsill
- Kwotazzjoni Q(57/12/04) Manutenzjoni tal-bankijiet ta' l-injam fit-toroq
- Kwotazzjoni Q(57/12/05) *Site Investigation* fi Triq Gulietta Lopez

### 10.2 *Resurfacing ta' Toroq*

Is-Sindku qal ukoll li l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma kienet ħarġet il-*letter of acceptance* lil kuntattur Rite Mix biex ikun jista' jibda x-xogħol tat-trinka fi Triq il-Ġnien qabel din tiġi *resurfaced* taħt l-iskema tal-PPP. Huwa kompla jgħid li bħalissa l-kuntrattur qed ilesti l-permessi neċessarji minn Trasport Malta ħalli jkompli bix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Gulietta Lopez.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 20 ta' Awwissu 2012 f'nofsinhar.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 20 ta' Awwissu 2012</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**